1924/00

**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar, 2001**

**Numru 20**

**Avviz. numru 1924/00JR**

**Elmo Insurance Agency Ltd.**

**vs**

**David Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Novembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm110.61) premess:**

**Illi l-kumpanija attrici tinsab kreditrici fl-imsemmija somma dovuta bhala premium fuq polaza ta' assikurazzjoni mahruga favur tieghu u dan skond l-istatement markat Dok.A;**

**Illi l-kumpanija attrici interpellat lilll-konvenut kemm il-darba biex ihallas u sa anke ghamlitlu ittra ufficjali fit-22 ta' Awissu, 2000, izda ghal ta' xejn;**

**Ghalhekk il-kumpanija attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat biex ihallasha l-imsemmija somma dovuta kif fuq inghad u dana bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Awissu, 2000 u bl-imghax tat-8% fis-sena mid-data ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut imharrek ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. David Harding ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (B) ta' l-Att V ta' l-1995, jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm110.61) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-22 ta' Awissu, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Awissu, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**